**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 278/22 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 2228/1992)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-dsatax ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija tnejn u disghin (19/12/1992) (kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

2. Illi l-partijiet sseparaw fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Georgakopoulos fejn iddikjaraw fi klawsola numru 5 illi kienu

ilhom separati de facto ghal aktar minn sebgha u ghoxrin sena (Hawn anness u mmarkat bhala Dok B);

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li m'hemm ebda manteniment bejn il-partijiet u t-tfal illum huma kollha maggorenni;

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Gunju 2022;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-

partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Frar 2022 u *de facto* separati ghal aktar minn sebgħa u ghoxrin (27) sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.